**LIMITI TAL-GARANZIJA**

Aqra dan li ġej bir-reqqa. Jekk jogħġbok aqra wkoll l-istruzzjonijiet tas-sikurezza qabel ma tipproċedi bl-installazzjoni jew qabel tuża dan il-prodott.

Jekk dan il-prodott jiġi installat fuq vettura minn fornitur jew minn xi ħaddieħor għajr ix-xerrej finali, din il-garanzija trid tiġi pprovduta lix-xerrej finali.

Din il-garanzija qed tiġi pprovduta lix-xerrej finali minn Brembo N.V. (“Brembo”). Din il-garanzija tapplika esklussivament għall-prodotti li jinbiegħu fl-Unjoni Ewropea.

**Prodott kopert mill-garanzija**

Brembo tiggarantixxi li l-prodott ma fihx difetti, bil-perjodu ta’ garanzija jibda mid-data li fiha ġie kkonsenjat lix-xerrej finali minn bejjiegħ awtorizzat.

Jekk il-prodott jinstab li jkun difettuż, Brembo se tissostitwixxi l-prodott difettuż bi prodott ieħor ta’ Brembo tal-istess tip jew simili, jew inkella, fid-diskrezzjoni ta’ Brembo, tagħti rifużjoni ugwali għall-prezz tax-xiri.

Il-perjodu ta’ garanzija huwa ta’ (24) xahar mid-data meta jiġi kkonsenjat lix-xerrej finali.

Din il-garanzija ma tkoprix telf jew ħsarat ikkawżati, għalkollox jew parzjalment minn, użu mhux xieraq tal-prodott, tibdil jew modifika fil-prodott, inċidenti, użu ħażin, użu negliġenti tal-prodott, xedd u kedd normali, installazzjoni u/jew manutenzjoni tal-prodott b’mod mhux konformi mal-istruzzjonijiet ta’ Brembo, jew inkella mmaniġġjar mhux xieraq jew negliġenti tal-prodott. Ma tkoprix użu mhux xieraq tal-prodott għal skopijiet għajr dawk indikati fl-istruzzjonijiet, ħbit tal-vettura, korrożjoni kimika, użu mhux xieraq ta’ vettura, użu illegali tal-prodott, jew użu tal-prodott fuq mudell ta’ vettura għajr dawk li huwa intenzjonat għalihom skont l-istruzzjonijiet għall-użu.

Din il-garanzija ma tapplikax f’każ li jirriżultaw klejms minn, jew li jkunu marbuta ma’, allegazzjonijiet ta’ tnaqqis fil-kumdità personali, jew nuqqas ta’ kumdità personali, tax-xerrej finali, jew ta’ kwalunkwe persuna li taġixxi f’ismu, waqt l-użu tal-prodott, u lanqas għal storbju jew vibrazzjonijiet assoċjati mal-użu tal-prodott, jew fejn ikun hemm kundizzjonijiet tas-sewqan diffiċli.

Brembo mhix responsabbli għal telf jew ħsarat li jkunu kkawżati minn tibdil jew modifiki fil-prodott wara li dan jinxtara. Kwalunkwe bidla jew modifika fil-prodott, li ma tkunx installazzjoni korretta f’konformità mal-istruzzjonijiet tal-manifattur jew ta’ kwalunkwe parti awtorizzata minnu, jagħmel din il-garanzija nulla u bla effett.

Dan il-prodott ġie mfassal u mmanifatturat għall-użu fuq mudelli ta’ vetturi speċifiċi maħsuba għat-tlielaq jew għall-esebizzjoni, kemm jekk fuq trakki apposta jew mod ieħor, u mhux għall-użu normali, u mhux ristrett, f’toroq pubbliċi, kif inhu indikat fl-istruzzjonijiet għall-użu u l-manutenzjoni. Il-prodott irid jiġi installat u użat f’konformità sħiħa mal-liġijiet applikabbli u mal-

istruzzjonijiet ipprovduti minn Brembo, kif ukoll wara li tinkiseb kwalunkwe awtorizzazzjoni/approvazzjoni, permess, jew liċenzja meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti.

Dan il-prodott irid jiġi installat minn professjonisti kkwalifikati ta’ livell għoli li jkollhom l-għarfien tekniku neċessarju u b'esperjenza xierqa.

Din il-garanzija ma tapplikax jekk il-prodott jintuża f’installazjonijiet tal-ajrunawtika/avjazzjoni, opri tal-baħar, installazzjonijiet agrikoli jew industrijali. Brembo mhijiex responsabbli għal ħsarat li jirriżultaw minn użu mhux korrett tal-prodott jew użu mhux konformi mal-istruzzjonijiet tal-manutenzjoni u s-sikurezza.

Din il-garanzija ma tkoprix telf jew responsabbiltà għal ħsarat inċidentali jew konsegwenzjali kkawżati minn ksur ta’ din il-garanzija.

Mhija pprovduta l-ebda garanzija oħra, la espliċita u lanqas impliċita, ħlief għad-dispożizzjonijiet li jirregolaw ir-responsabbiltà tal-manifattur għal prodott difettuż u l-garanzija legali tal-bejjiegħ, li l-konsumatur hu intitolat għalihom bil-liġi, u bla ħlas, għal difetti ta’ konformità fir-rigward tal-bejjiegħ, u li mhumiex affettwati minn din il-garanzija konvenzjonali.

## Klejms

Brembo se tissostitwixxi, jew fid-diskrezzjoni unika tagħna, tagħti rifużjoni ugwali għall-prezz tax-xiri, għal kwalunkwe prodott li jinstab li mhuwiex konformi ma’ din il-garanzija, dment li l-klijent isegwi l-proċedura tal-klejms li ġejja:

1. Fi żmien 30 jum minn meta l-klijent ikun identifika d-difett jew il-ħsara, dan għandu jissottometti klejm lil Brembo fl-indirizz indikat hawn taħt.

2. Il-klijent irid jispeċifika r-raġuni għall-klejm bil-miktub u jipprovdi d-dokumentazzjoni kollha rileventi, inklużi kopji tal-irċevuta tax-xiri oriġinali, ordnijiet tat-tiswija, ritratti (fejn rikjesti), u kwalunkwe dokument ieħor marbut mal-klejm.

3. Il-klijent irid jibgħat, bi spiża tiegħu stess, il-prodott u d-dokumentazzjoni lil:

**Curno, via Brembo 25 – 24035 (BG), Italy** **+39 035.6052111**

Brembo tirriżerva d-dritt, fid-diskrezzjoni unika tagħha, li toħroġ rifużjoni ugwali għall-prezz tax-xiri minflok ma tipprovdi prodott ta’ sostituzzjoni. Brembo għandha diskrezzjoni assoluta li tiddetermina jekk prodott irritornat jissodisfax il-kundizzjonijiet ta’ din il-garanzija.

F’każ ta’ klejm għat-tiswija ta’ vettura jew ta’ tagħmir speċifiku taħt din il-garanzija, il-klijent irid jissottometti klejm bil-miktub lil Brembo fuq l-indirizz ta’ hawn fuq fi żmien 30 jum minn meta jkun identifika d-difett jew il-ħsara. Il-klijent irid ukoll jippermetti lil Brembo tispezzjona l-prodott, il-vettura, u/jew kwalunkwe tagħmir involut, sabiex tiddetermina l-estent tal-ħsara u tistabbilixxi jekk kinetx ikkawżata minn prodott ta' Brembo difettuż. Jekk ikun possibbli, il-prodotti jridu jiġu rritornati lil Brembo fil-kundizzjoni oriġinali, u mhux mibdula, tagħhom.

**Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni kuntrarja f'din il-garanzija, kwalunkwe klejm taħt din il-garanzija trid tintbagħat lil Brembo mhux aktar tard minn sentejn u 30 jum mid-data meta l-prodott ġie kkonsenjat lix-xerrej finali. Jekk dan ma jsirx, il-klejm tiġi kkunsidrata nulla u bla effett.**

Il-garanzija li ġejja teskludi kwalunkwe garanzija oħra, espliċita jew impliċita, ħlief għad-dispożizzjonijiet li jirregolaw ir-responsabbiltà tal-manifattur għal prodott difettuż u l-garanzija legali tal-bejjiegħ, li l-konsumatur hu intitolat għalihom bil-liġi, u bla ħlas, għal difetti ta' konformità fir-rigward tal-bejjiegħ, u li mhumiex affettwati minn din il-garanzija konvenzjonali.

BREMBO TIĊĦAD ESPRESSAMENT, MINGĦAJR EBDA LIMITAZZJONI, KWALUNKWE GARANZIJA IMPLIĊITA TA' KUMMERĊJABBILTÀ U IDONEITÀ GĦAL XI SKOP PARTIKOLARI.

Dan li ntqal *supra* jikkostitwixxi r-responsabbiltà kollha u esklussiva, kif ukoll ir-rimedju uniku disponibbli għax-xerrej għal kwalunkwe ħsara jew klejm b'rabta mal-bejgħ ta' dan il-prodott, u jissuperċedi kwalunkwe garanzija oħra, li tkun ġiet ipprovduta bil-fomm jew bil-miktub. Brembo fl-ebda każ mhi se tkun responsabbli għal ħsarat li jirriżultaw minn difett fil-prodott, ħlief kif ipprovdut espressament f'din il-garanzija u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet statutorji li jirregolaw ir-responsabbiltà tal-manifattur.

L-EBDA PERSUNA MHI AWTORIZZATA LI TOFFRI XI GARANZIJI ADDIZZJONALI B'RABTA MA' DAN IL-PRODOTT JEW LI TIMMODIFIKA DIN IL-GARANZIJA LIMITATA B'XI MOD.

M'hemm xejn iddikjarat f'din il-garanzija jew b'xi mod ieħor minn Brembo li jeħles lill-operatur ta' kwalunkwe vettura b'magna minn l-obbligu li ssuq b'mod sigur, bl-attenzjoni meħtieġa, u f'konformità mar-regolamenti applikabbli kollha. Dejjem żomm distanza sikura minn vetturi oħra. Osserva l-limiti tal-veloċità u t-twissijiet indikati, u qis il-kundizzjonijiet tat-temp u kundizzjonijiet oħra tat-triq.

**Dan il-prodott ġie mmanifatturat minn Brembo N.V, bl-uffiċċju rreġistrat tagħha f'Amsterdam, in-Netherlands, u l-kwartieri ġenerali f'Via Stezzano 87, 24126 Bergamo (BG), Italia, Kodiċi Fiskali u Nru tal-VAT 00222620163.**

Kopja disponibbli ta' din il-garanzija hija disponibbli fuq talba li għandha tintbagħat fuq l-indirizz li ġej: Via Stezzano 87, 24126 Bergamo (BG), Italia.